**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 251/2023**

**IL-Pulizija**

**Vs**

**Brian Grech**

**Illum, 13 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant **Brian Grech,** bin Carlo u Carmen nee' Grech, imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Ottubru 1992, residenti ġewwa Sydney, Bieb ir-Ruwa, Rabat u detentu tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru **494192M** talli huwa akkużat talli:

1. Fis-6 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 17:50hrs waqt li kien qiegħed ġewwa l-imtaħleb limiti tar-Rabat (Malta), kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 480, Art. 5(3);

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żamm f'xi fond arma tan-nar u munizzjoni, liema fond ma kienx dak speċifikat u ma żammx din l-arma u munizzjon maqfulin b'mod sigur u separat f'dan il-fond u li żamm arma tan-nar kargata u dan bi ksur tal- Kap 480 Art 5(3)(a) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur b'xi mezz, wara l-ħin tas-siegħa ta' wara nofsinhar fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi u dan bi ksur tar-regolament 19(2) tal-L.S. 549,42;

U aktar talli fl-istess data u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa r-Rabat (Malta) u f'dawn il-Ġżejjer:

4. Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur u cioe' Ringed Plover (Charadrius Hiaticila) mingħajr ma' żamm fill-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 6(3) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42;

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li tgħati l-piena taħt ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 kekk kif emendat.

Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba li tħassar jew tissospendi l-liċenzja taħt l-Att tal-Armi u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin.

Il-Qorti kienet mitliba illi f'każ ta' ħtija barra li tgħati l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement kkundannatu għall-multa ta' elfejn u mitejn Euro (Eur 2,200) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati

mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar, F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti **Brian Grech** minnu ppreżentat fit-22 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premissi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizza LLD, nhar it-2 ta' Ġunju 2023, u konsegwentement tillibera lill-appellant rikorrent minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta, alternattivament tbiddel il-piena u tagħti dik il-piena aktar miti u ġusta fil-każ de quo.

**Aggravji**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda is-sejbien ta' htija principalment billi fis-sentenza ilmentata, l-ewwel Qorti rritentiet li dakinhar fil-hin tal-ispezzjoni huma kienu qed jonsbu illegalment, meta di fatti il-ligi tiprojbixxi biss il-kacca, il-Hadd wara nofsinhar, u mhux kif inghad fis-sentenza ilmentata li kienu qed jonsbu illegalment. Dan jissahhah ulterjorment bil-fatt li ma kien hemm ebda akkuza dwar insib illegali u lanqas ma ingabru kif solitu jsir irkaptu u ghasafar f'kaz ta' insib illegali.

Illi subordinatament ghal dan ghandu jinghad li ma hemm ebda evidenza li kienu qieghdin ghal-kacca, u tali reati tista biss tirrizulta jekk il-persuna tkun effettivament tinqabad tikkacja jew a terminu tar-Regolament tal-LS 549.42 li riprodott jistabilixxi juris tantum.

*Sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara nzul ix-xemx, jew matul xi stagun maghluq,**tinsab barra fil-miftuh fil-kampanja**, sew jekk fuq l-art tieghu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna ohra, jew ukoll barra minn dik l-artm jew tinsab fuq il-bahar **iggorr arma tan-nar jew munizzjoni** ghat-tehid tal-kacca, hija ghandha titqies li tkun qiegheda tfittex jew iddur ghall-ghasafar.*

Illi mill-assjem ta' provi u xhieda migbura ma jirrizultax li l-imputat kien qieghed igorr xi arma waqt il-hin ta' spezzjoni billi jirrizulta li s-senter tieghu kien qieghed fl-ghata taht saqqu go kamra. Ghalhekk tali akkuza kif huwa akkuzat ma tistax tissusisti.

Illi bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost **it-tieni aggravju** jirrigwaedja l-ewwel akkuza u cioe fejn gie l-allegat pussess ta' arma jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Kap 480;

Illi l-artikolu ilmentat ma jipprojbixxix il-gar ta' arma tan-nar ghal skopijiet legittimi, u jorbot biss li dawk l-armi registrati iridu, **<u>hlief ghall-meta jkun ser jintuzaw ghal ghanijiet sportivi (art 5(4)(a),</u>** jinzammu fir-residenza indikata fil-licenzja. Galadarba ikl-Hadd huwa permess il-kacca, fi zmien tad-deroga li fieha jista jsir il-kacca, din l-arma setghet bil-fakolta legali tinhareg mid-dar fejn hija licenzjata u tittiehed sabiex jigi prattikat din l-attivita licenzjata. Ghalhekk ma setghax jinstab htija skont l-akkuza kif prodotta.

Illi bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost **it-tielet aggravju** jirrigwardja l-allegat reat misjub fit-tieni akkuza u cioe' *zamm f'xi fond arma tan-nar u munizzjoni, liema fond ma kienx dak specifikat u ma zammx din l-arma u minizzjoni maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li zamm arma tan-nar ikkargata u dan bi ksur tal-artikolu 5(3)(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*; fejn hawn ghandu jinghad li dan l-artikolu u dina l-akkuzi ma jistghux jinqalghu mill-kumplament tal-artikolu 5 billi kif diga inghadm is-sibincis (a) tas-subartikolu 4 jaghti l-fakolta li tali armi jinhargu ghall pratika licenzjata, u cioe' f'dan il-kaz ghal kacca, liema licenzja l-imputat kellu fiz-zmien tal-kaz.

Illi hawn wiehed irid izid ukoll li hemm inkongruwenza dwar l-istat tal-armi misjuba fejn il-Pulizija allegat li s-snieter kienu fl-ghata izda ikkargati. Dan ma jaghmilx sens minn dak li jirrizulta fl-atti li jumejn wara l-pulizija marru ghand l-imputat u talbuh hames skratac. Meta mistoqsi ghala din saret jumejn wara, il-pulizija sab skuza li ma kienx hemm spazju fejn jikteb fl-ewwel ricevuta rilaxxata, skuza li ma ghandiex mill-verita' meta wiehed jara li fl-ircevuta mahruga a tempo vergine hemm oltre spazju fejn wiehed jikteb 5 skratac. Lanqas ma hija veritier li dawn kienu jiehdu 5 skratac, l-ammont mitlub jumejn wara, meta irrizulta li dawn kienu jiehdu biss tlett skratac skont ir-regolamenti vigenti. Dawn il-fatti jwaslu ghal dubju dettat mir-raguni kemm ix-xhieda kienet preciza meta l-fatti jindikaw mod iehor.

**Illi r-raba aggravju** jirrigwardja it-tielet akkuza u cioe *ikkaccja jew ipprova jikkacja, ha jew prova jiehu xi ghasfur b'xi mezz, wara l-hin tas-siegha ta' wara nofsinhar fil-Hdud jew Festi Pubblici u dan bi ksur tar-regolament 19(2) tal-L.S. 549,42;* dan filli ma jsibx sisten la fatwali u lanqas legali.

Illi jinghad li l-artikolu indikat jghid espressment hekk:

> *Ebda persuna m'ghandha tikkaccja jew tipprova tikkjaccja xi ghasfur b'ebda mezz fil-Hdud u Festi Pubblici wara s-siegha ta' wara nofsinhar (1.00pm)*

Minn qari akkurat ta' dina l-ligi johrog car li hemm distinzjoni cara bejn kacca u tehid, u dan jirrinkwadru ruhu billi hija il-kacca li hija projbita il-Hadd wara nofsinhar u mhux l-insib. Dan is-subartikolu (19)(2)) jirrepeti l-kelma kacca darbtejn u imkien ma hemm il-kelma akkuzati bieha u cioe ***tehid*** li hija referribli skont l-istess ligi ghall-insib. Liema tehid jirrizulta li erronjament l-ewwel Qorti sejhet illegali, meta il-fatti kemm mix-xhieda tal-pulizija, u kemm minn dawk tad-WBRU u anke il-ligi jghidu li l-insib mhux projbit il-Hadd wara nofsinhar.

**Illi l-hames aggravju** jirrigwardja r-raba' akkuza u cioe' *zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur u cioe' Ringed Plover (Charadrius Hiaticila) minghjar ma' zamm fill-pussess tieghu u ghal kull zmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi,*

*certifikati u kull dokument iehor li jipprovaw, ghas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, li dak il-kampjun ma giex akkwistat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 6(3) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.* Hawn wiehed irid jara il-fatti speci rizultanti f'dan il-kaz, u cioe li fid-dar fejn instabet din it-tajra hemm persuni ohra jirrisjedu, u cioe' omm l-imputat u zewg hutu, u li meta saret mistoqsi mill-Pulizija lill-imputat u ommu dwar din it-tajra, l-omm irrispondiet li dik gabuha il-klieb mill-ghalqa u tefghata fil-fridge. Semma jekk kellha tkun hemm akkuza, kelli fl-ewwel lok tirrifletti lejn sid id-dar, u fit-tieni lok irid jigi ippruvat ness fattwali bejn it-tajra u l-imputat bies dina l-akkuza torbot lill-imputat. Is-semplici fatt ta' residenza mhux bizzejjed meta wiehed iqis li dini r-residenza hija mdawra bir-raba u hemm 4 persuni hemm jirrisjedu. Hekk il-Pulizija kellhom jaghmlu l-investigazzjoni aktar akkurata sabiex jistabilixxu dan in-ness, u galadarba dan ma sarx ma jistghux jassumu, meta fil-kamp kriminali ir-rekwizit primarju hija ta' provi li jwasslu lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-appell intavolat minn Brian Grech prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Settembru 2023 fejn l-Avukat Generali jghid:

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

Illi permess tal-ewwel aggravju, l-appellant jilment li l-akkuzi migjuba kontrih jirrigwardjaw il-kacca meta hu u siehbu kienu qeghdin jonsbu. L-appellant ghalaq l-ewwel aggravju billi sahaq li mill-provi u xhieda migbura ma rrizultax li l-appellant kien qieghed igorr xi arma waqt il-hin tal-ispezzjoni u dan minhabba li s-senter tieghu kien qieghed fl-ghata taht is-saqqu gol-kamra;

Illi ghalkemm huwa vera li s-senter instab mohbi taht is-saqqu gewwa l-kamra ta' sieheb l-appellant, din ma hijiex l-istorja kompluta. L-ewwel nett, skond il-ligi mhuwiex legali li zzomm arma tan-nar u munizzjoni f'fond mhux specifikat fil-licenzja u dan skont regolament 5(3) ta' Kap. 480. It-tieni nett u dan il-fatt gie mhalli barra kompletament huwa l-fatt li s-senter tal-appellant kien misjub "*live*" u cioe'

ikkargat u dan gie konfermat permezz tal-NPS report a fol. 14, l-affidavit ta' OC789 M. Said u l-affidavit ta' PC967 A. Vella a fol. 26;

Illi mill-fatti u c-cirkostanzi ta' dan il-kaz wiehed jistaqsi – zewg kaccaturi x'kienu qeghdin jaghmlu b'zewg snieter mohbija ikkargati nhar ta' Hadd ghall-habta tal-17:50hrs jekk mhux biex jikkacjaw? Senter huwa arma perikoluza u kull *bonus paterfamilias* jaf li meta senter ma jkunx qieghed jigi uzat ghandu jigi skargat u mizmum f'post sigur.

**<u>It-Tieni aggravju</u>**

Illi ghalkemm l-appellant semma meta nstab is-senter kien zmien id-deroga ta' min wiehed isemmi li l-pulizija marru ghal habta tal-17:50 nhar ta' Hadd meta l-kacca skond regolament 19(2) ta' LS 549.42 hija illegali. Ghalhekk dak il-hin tal-ispezzjoni t-tali senter li kien tal-appellant kellha tkun lura fl-indirizz indikat fuq il-licenzja a fol. 5 – 'Syndney, Bieb ir-Ruqa, Limiti tar-Rabat, Malta' u mhux fil-kamra fejn insta bis-senter.

Illi ta' min wiehed isemmi li kien wara hafna konvinciment mill-pulizija u minn sieheb l-appellant li l-appellant ammetta li kellu l-arma fil-kamra ta' siehbu. Il-fatt li ma qalx il-verita turi li l-appellant kien qieghed jibza u kellu x'jahbi.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

Illi l-appellant, jilmenta illi l-fatt li s-senter kien fl-ghata u kkargat ma taghmilx sens. Illi kif inghad aktar il-fuq, kien hemm diversi evidenza fil-process li hargu waqt il-mori tal-kawza li jivverifikaw li s-senter kien ikkargat b'tliet skratac gewwa fih. Jekk kienx imdahhal fl-ghata jew le ftit taghmel relevanza meta senter xorta wahda ma kienx qieghed mizmum tajjeb u dan minhabba li kien ikkargat u miftuh taht saqqu.

**<u>Ir-raba aggravju – it-tielet akkuza</u>**

Illi l-appellant jilment li t-tielet akkuza li ghandha sostenn fattwali u l-anqas wiehed legali u dan ghaliex regolament 19(2) ta' LS 549. 24 jittratta dwar il-kacca u mhux insib kif trattat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Illi għalkemm regolament 19(2) ta' LS 549.42 ma jittrattax dwar l-'insib', wieħed ma jistax jinnega mill-evidenza prodotta u t-testimonjanza tax-xhieda f'dan il-kaz. Il-fatt illi nstabu zewg snieter 'live' moħbija gewwa kamra fl-Imtaħleb fil-limit tar-Rabat u in addizzjoni, il-fatti li kemm l-appellant u sieħbu gudbu dwar l-uzu tas-snieter juri bic-car li huma kienu qegħdin jibzgħu mill-konsegwenzi li setgħu jiffaccjaw minħabba li huma kienu inqabdu għall-ħabta tal-17:50hrs nhar ta' Ħadd, *pressappoco* erbgħa siegħat u nofs wara li r-regolament 19(2) ta' LS 549.42 jipprojbixxi l-kacca.

**<u>Il-Ħames aggravju – Ir-Raba akkuza</u>**

Illi fl-aħħar nett, l-imputat li ma ma giex ippovat li ħemm ness bejn t-tajra 'Ringed Plover' msjuba go daru u hu. Fl-appell, huwa jistrieħ fuq l-informazzjoni li omm l-appellant ipprovdiet lill-pulizija, li l-klieb tagħhom kienu gabruha mill-għalqa. Illi t-tajra skont l-affidavit ta' PC47 B. Briffa a fol. 23 kienet vittma ta' kacca – "fuq sidru kienu jidhru evidenti griehi magħmulin minn tiri ta' senter."

Illi jibqa' l-fatti illi nstabet it-tajra protetta u l-appellant l-anqas ma nnega li kienet tiegħu u mhux tar-residenti l-oħrajn tal-fond. Irrispettivament min jekk l-appellant ma kien qed jikkacja jew jonsob, din kienet tajra protetta li la hija kaccabbli u lanqas ma tista' tigi minsuba;

Illi mix-xhieda tal-appellant stess ta' nhar l-4 ta' Mejju 2022 intqal dan li gejn fuq it-tajra protetta li nstabet fil-freezer:

> *"Pros: Naqblu li l-pulizija sabu Monakela Prima gol-friza?*
> *Xhud: Dik naqblu ukoll biss dik ma kontx naf biha u x'ħin saqsejt lil ommi li kienet prezenti qaltli mela jien naf? Bħalma jaf l-avukat aħna noqgħodu gol-imwarrab qaltli mela naf x'igibu l-klieb? Qaltli li jgibu l-klieb qaltli nitfalek gol-friza."*

Għaldaqstant, tenut kont ta' (i) dak kollu suespost kif ukoll (ii) dak kollu li jaf jirrizulta fi stadju ta' trattazzjoni orali, kemm fuq punti ta' natura procedurali kif ukoll punti li

joqtlu l-mertu rigwardanti l-istess appell de quo, l-esponent topponi għat-talba hekk kif dedott fir-rikors tal-appell tar-rikorrenti fejn talab li tigi riformata s-sentenza appellata.

Rat illi fis-seduta datata it-22 ta' Jannar, 2024 il-partijiet irrimettew ruħhom.

**Ikkunsidrat,**

Illi **fl-ewwel aggravju** tiegħu l-appellant qed jikkontesta s-sejbien tal-ħtija mill-Ewwel Qorti. L-appellant Grech jgħid illi hu ma kienx qed jonsob u ma hemm ebda evidenza li hu u l-ħabib tiegħu kienu qegħdin għall-kaċċa. Isostni illi mill-assjem ta' provi u xhieda ma jirriżultax li hu kien qiegħed iġorr xi arma waqt il-ħin ta' spezzjoni u dan għaliex is-senter tiegħu kien qiegħed fl-ġaħta taħt saqqu ġo kamra.

L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jagħmel referenza għar-Regolament 15 tal-LS 549.42 li jistipula hekk:

> *'15. Sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx, jew matul xi staġun magħluq,* ***tinsab barra fil-miftuħ fil-kampanja****, sew jekk fuq l-art tiegħu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna oħra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-baħar* ***iġġorr arma tan-nar jew munizzjoni*** *għat-teħid tal-kaċċa, hija għandha titqies li tkun qiegħda tfittex jew iddur għall-għasafar.'*

Illi l-appellant jgħid li ma jirriżultax li hu kien qed iġorr arma waqt l-ispezzjoni għaliex dan kien taħt saqqu ġo kamra. Għaldaqstant kollox idur mal-interpretazzjoni tal-kelma '*iggor*' fir-Regolament 15 citat *supra*. Il-liġi f'dan ir-rigward ma tispeċifikax illi l-persuna trid tkun qed iġġor l-arma tan-nar jew munizzjoni fuq il-persuna tagħha. L-arma tan-nar kienet tinsab ikkargata taħt saqqu ġo kamra fil-viċinanzi u għalhekk stante li ma nġabitx prova li tikkuntrarja dan kollu, din il-Qorti jidrilha illi l-appellant kien fil-fatt qiegħed ifittex jew idur għall-għasafar. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appelllant jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni li tipprovdi hekk:

> *'Fis-6 ta' Diċembru 2020 ghall-habta ta' 17:50hrs waqt li kien qieghed gewwa l-imtahleb limiti tar-Rabat (Malta), kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 480, Art. 5(3);'*

L-appellant isostni illi l-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 ma jipprojbixxix il-ġar ta'arma tan-nar għal skopijiet leġittimi u jorbot biss li dawk l-armi reġistrati jridu ħlief għall-meta jkunu ser jintużaw għal għanijiet sportivi (Art 5(4)(a)), jinżammu fir-residenza indikata fil-liċenzja.

Illi primarjament din il-Qorti tgħid illi l-kaċċa fil-jum tal-Ħadd permessa skond il-liġi sas-13.00pm. L-ispezzjoni fuq l-appellant mill-pulizija saret għall-ħabta ta' 17.50pm u għalhekk iktar minn erba' siegħat wara minn x'ħin meta suppost waqfet kwalunkwe attivita' ta' kaċċa. Għaldaqstant, f'dak il-hin tal-ġurnata ma jistax jingħad illi kien hemm il-ġarr ta' arma tan-nar għal skopijiet leġittimi sabiex jintuzża għal għanijiet sportivi. Dak il-ħin l-arma kellha tkun fil-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa u cioe' Sydney, Birb ir-Ruwa, Limiti tar-Rabat, Malta u mhux taħt saqqu ġo kamra f'għalqa. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju qed jiġi respint.

**<u>It-tielet aggravju</u>** tal-appelllant jirrigwardja it-tieni imputazzjoni li tipprovdi hekk:

> *'Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm f'xi fond arma tan-nar u munizzjoni, liema fond ma kienx dak specifikat u ma zammx din l-arma u munizzjon maqfulin b'mod sigur u separat f'dan il-fond u li zamm arma tan-nar kargata u dan bi ksur tal- Kap 480 Art 5(3)(a) tal-Ligijiet ta' Malta;'*

Illi din l-imputazzjoni hija marbuta ma dik ta' qabilha u cioe' mal-ewwel imputazzjoni. Mill-atti jirriżulta illi l-appellant dakinhar meta saret l-ispezzjoni żamm arma u

munizzjoni taħt żaqqu ġo kamra, arma tat-tip Beretta ikkargata bi tlett iskrataċ. Illi għalhekk żgur ma jistax jingħad illi dawn kienu maqfulin b'mod sigur u separat. Għaldaqstant din il-Qorti qeda tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>** tal-akkużat jirrigwardja it-tielet akkuża li tipprovdi hekk:

> *'Aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkacja, ha jew prova jiehu xi ghasfur b'xi mezz, wara l-hin tas-siegha ta' wara nofsinhar fil-Hdud jew Festi Pubblici u dan bi ksur tar-regolament 19(2) tal-L.S. 549,42;'*

Illi r-Regolament 19(2) jipprovdi li: *'Ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja xi għasfur b'ebda mezz fil-Ħdud u Festi Pubbliċi wara s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m).'* Ghaldaqstant huwa minnu li dan ir-Regolament ma jipropjbixxix l-insib. Madankollu, jirrizulta ppruvat mill-evidenza kollha, kemm dik diretta u kemm dik indiretta li l-appellant kien qieghed ukoll ifittex u jdur sabiex jikkacja xi ghasfur. Din il-Qorti jidrilha li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova mingħajr dubju dettat mir-raguni t-tielet akkuzat fil-konfront tal-appellant u ghalhekk r-raba' aggravju qed jigi respint.

**<u>Il-ħames aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja r-raba' imputazzjoni u cioe':

> *'Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur u cioe' Ringed Plover (Charadrius Hiaticila) minghjar ma' zamm fill-pussess tieghu u ghal kull zmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, certifikati u kull dokument iehor li jipprovaw, ghas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, li dak il-kampjun ma giex akkwistat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 6(3) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42;'*

Illi minn spezzjoni li għamlu l-pulizija ġewwa r-residenza tal-appellant, ġewwa *freezer* instagħabet *ringed plover* (*Charadrius Hiaticila*) li hija tarja protetta u li ma tistax tiġi maqbuda u/jew ikaċċjata skond il-liġi. PC 47 fl-affidavit tiegħu a fol. 23 tal-proċess

jgħid li meta PC 967 staqsa lill-appellant *a tempo vergine* kif din it-tajra ġiet fil-pussess tiegħu huwa wieġeb sabiex jirħulha għaliex wara kollox ma kien instab xejn kbir. Dan ġie kkonfmet ukoll fl-affidavit ta' PC 967 a fol. 27 tal-proċess. L-appellant fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti tenna li ma kienx jaf biha t-tajra u meta saqsa lil ommu li kienet preżenti weġbitu '*mela jien naf*?' Sostna li huma jgħixu fl-imwarrab u ommu qaltlu ma nafx xi jġibu l-klieb u li kienu jġibu titfa fil-friża.

Illi kif jirriżulta mill-provi, din it-tajra nstabet flimkien ma xi tjur oħrajn fil-freezer. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ssibha ferm difficli li l-appellant ma kien jaf xejn dwar din it-tajra. Din il-Qorti ma temminx li l-verżjoni li l-appellant ta quddiem l-Ewwel Qorti għandha mis-sewwa, u hija tassew inverosimili li l-klieb jġibu tajra bħal *ringed plover* (*Charadrius Hiaticila*) d-dar għax sabuha barra. Din il-Qorti għandha esperjenza biżżejjed li taf kif taħdem il-kaċċa u li ħadd m'hu ser jispara fuq tajra u jħalliha tal-post. In oltre, huwa aktar attendibbli li kelb imur għall-kaċċa ma' sidu u meta dan tal-aħħar jispara fuq tajra, l-kelb imur għaliha meta taqa' mil-art u jġibha lura lil sidu. Għalhekk din il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen li l-klieb joħorġu waħedhom u jġibulek tajra ta'dan it-tip d-dar u mingħajr ma tara x'inhi taqbad u titfagħha fil-*freezer!* Dan qed jingħad ukoll fl-isfond illi l-għalqa fejn l-appellant kien qed jikkaċċja u jonsob tinsab, kif xehed hu stess, għaxar minuti bil-karozza l-bogħod mir-residenza tiegħu. Stante dak kollu magħdud, flimkien mat-tip ta' diskors li l-appellant qal lill-pulizija meta dawn sabu t-tajra fil-freezer, din il-Qorti qeda wkoll tiċħad il-ħames aggravju tal-appellant.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qeda tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant Brian Grech u għalhekk qeda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**